MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-12 ta' Frar, 2015

Avviz Numru. 148/2012

**Vince Farrugia (ID 847544M) fil-kapacita' tieghu ta' Direttur Generali tal-Kamra Maltija ghan-Negozji Zghar u Medji (GRTU)**

**vs**

**Josef Caruana**

Il-Qorti

Rat ir-rikors promotur ippresentat fis-26 ta' April 2012 fejn ir-rikorrent, filwaqt illi ghamel referenza ghall-artikolu ossija editorjal ippubblikat fil-gazzetta l-Orizzont fil-25 ta' April 2012 intitolat '**L-isfaxxar ta' 'frame up**'', talab lill-Qorti tiddikjara illi dak hemm miktub kien malafamanti u libelluz fil-konfront tar-rikorrenti u ghalhekk tikkundanna lill-istess intimat danni a tenur ta' l-artikolu 28 tal-Kap 248.

Rat l-artikolu meritu tal-kawza odjerna.

Rat l-eccezzjonijiet imressqa mill-intimati fit-22 ta' Mejju 2012 fejn, in linea preliminari, sahaq illi r-rikorrent kellu jindika kif dak hemm miktub kien jolqot lilu personalment u mhux fil-kapacita' tieghu ta' Direttur Generali tal-GRTU, kif intavola l-proceduri odjerni. Fuq il-meritu, l-intimat sahaq illi ma kien hemm xejn libelluz f'dak illi nkiteb peress illi kien rizultat tat-thaddin tad-dritt tal-liberta' ta' l-espressjoni u dak hemm miktub ma kien xejn aktar ghajr ghal fatti sostanzjalment ceri u kummenti dwar l-istess. Finalment, l-intimat sahaq illi l-proceduri kriminali li fuqhom sar il-kumment, ossija '*Il-Pulizija vs Sandro Chetcuti*' kienu

ghadhom sub judice u gahlhekk kien jisthoqq illi jigi decizi qabel mal-Qorti tghaddi biex tiddeciedi l-kaz odjern.

Rat l-affidavit tar-rikorrent **Vince Farrugia** ippresentat fit 12 ta' Novembru 2012.

Rat illi fit-3 ta' Gunju 2013 il-Qorti kienet iddikjarat il-provi tar-rikorrent bhala maghluqa wara illi, ghal diversi seduti, ma deherx u ma ppresentaw provi.

Rat l-affidavit ta' l-intimat **Josef Caruana** ippresentat fis-16 ta' Dicembru 2013 flimkien ma' zewgt editorjali ohra minnu prodotti fit 12 u 28 ta' Lulju 2011.

Rat is-sentenza '**Il-Pulizjia vs Sandro (Alexander) Chetcuti**' deciza mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kirminali fit 18 ta' Settembru 2013 u ppresentata fis 7 ta' April 2014.

Rat illi fil 5 ta' Novembru 2014, permezz ta' nota, l-intimat iddikjara illi ma kellhux aktar provi x'jippresenta.

Rat illi fit 22 ta' Jannar 2015, il-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum.

**Ikkunsidrat**

Il-kawza odjerna tirrigwarda editorjal illi l-intimat, bhala editur tal-gazzetta l-Orizzont, ippubblika fil-harga tal-25 ta' April 2012, ibbazat fuq fatti illi kienu qed jigu rappurtata in konnessjoni ma' kawza kriminali mnieda kontra Sandro Chetcuti wara incident illi huwa kellu mar-rikorrent u li kien ta' interess pubbliku, kemm in vista tal-kariga illi r-rikorrent kellu f'dak il-mument li gara l-incident, ossija Direttur Generali tal-GRTU, kif ukoll tal-persuna kontra min inhargu l-akkuzi, ossija Sandro Chectuti, illi kien Vici President ta' l-istess GRTU, apparti l-involviment fi-kamp politiku taz-zewgt personalitajiet.

Fl-editorjal intitolat "*L-isfaxxar ta' 'frame-up'*" li dwaru r-rikorrent jilmenta u li jikkonsidra bhala malafamanti fil-konfront tieghu, jinghad is-segwenti:

> *Bil-Malti ngħidu "min jitkaża jaqa' fil-każa". Il-każ misterjuż ta' kif Sandro Chetcuti ġie akkużat bl-attentat ta' qtil ta' Vince Farrugia, id-Direttur Ġenerali tal-GRTU, għandu kull ingredjent neċessarju għal 'frame-up' ċar. Konvinti li kif dan jisfaxxa għal kollox se tfeġġ ġerħa ta' inġustizzja u attentat ta' sfruttar tal-forzi tal-Ordni, wisq probabbli għal skopijiet purament politiċi. Aktar ma jgħaddu seduti fil-Qorti, aktar joħroġ kristall li kien hemm ftehim minn taħt biex daqqa ta' ponn, li ngħatat f'saħna tal-mument u taħt provokazzjoni (anke jekk xorta ma jiġġustifikaw l-ebda aggressjoni), tiġi minfuħa sal-limitu ta' "attentat omiċidju". Kien hemm taħlita ta' għadd ta' setturi tas-servizz pubbliku, ibda mill-Pulizija u spiċċa fl-awtoritajiet tas-saħħa, biex tinħoloq "maltempata f'kikkra tè", kif jgħidu l-Ingliżi. Ma' dawn, fl-operazzjoni, kien hemm involuti bint Farrugia stess biex jinħareġ ċertifikat mediku speċjalizzat u l-insistenza tal-"vittma" ma' persuni fil-midja biex jonfħu dejjem aktar il-bużżieqa.*

*Meta l-provi fil-Qorti jġiegħluna nemmnu li l-veru vittma hu Chetcuti, nhar it-Tnejn li għadda l-Avukat Ġenerali bidel l-akkuża minn attentat ta' qtil għal attentat ta' feriti gravi. Hawn tinduna li l-ħuta mhux biss qiegħda tinten sew, imma aktar minn hekk ir-riħa qiegħda tinxtamm fil-pubbliku.*

*Meta fil-bidu tas-Seklu 20 fi Franza l-opinjoni pubblika ħaditha kontra l-awtoritajiet minħabba l-iskandlu ta' Alfred Dreyfus, li kien ikkundannat għal reat li qatt m'għamel, ipprovaw imewtu l-każ permezz ta' maħfra presidenzjali lil dan l-uffiċjal militari li nstab ħati ta' tradiment. Mhux talli ma ġietx aċċettata din il-klemenza ipokrita, talli ssieltu sakemm irriżenjaw il-ħatjin li ħolqu l-'frame-up', inkluż il-Kap tal-Armata u l-Kap tal-Pulizija, u hu reġa' ddaħħal fl-armata bl-unuri kollha li kellu. U l-istess nassumu li l-poplu għandu dritt jistaqsi u jippretendi tweġibiet dwar dawk kollha li kienu nvoluti f'dan il-'frame-up' lokali. X'konsegwenzi se jkun hemm għar-rapporti u l-eżamijiet mediċi li misshom qatt ma saru, kif daħal fl-istorja Dr Samuel li ħareġ iċ-ċertifikat mediku miċħud minn żewġ kollegi tiegħu li qalu li la kien hemm ksur u lanqas sfreġju, kif il-Pulizija ħarġet l-akkuża ta' attentat ta' qtil u fuq kollox għalxiex ċittadin, li anke jekk żgarra, kellu jgħaddi minn sentejn sħaħ ta' tali persekuzzjoni ġudizzjarja u martirju għalih personali u għall-familja tiegħu.*

*Għaldaqstant id-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali li jwaqqa' l-akkuża ta' attentat ta' qtil waħedha żgur mhijiex biżżejjed. Jekk nieqfu s'hawn tkun biss miżura 'ad hoc' biex tipprova tgħatti x-xemx bl-għarbiel. Farrugia għadu qed jirrappreżenta lil sezzjoni tal-poplu f'kumitat importanti Ewropew. Wara li jinqata' l-każ fuq l-allegat ġrieħi gravi, ikun ukoll id-dmir tal-Avukat Ġenerali li jiftaħ inkjesta fuq il-każ ħalli niskopru eżatt b'liema mod u manjiera dan ġie minfuħ, speċjalment minn esponenti ewlenin ta' GonziPN, li minbarra li fir-rapportaġġ tal-midja tagħhom ipprovaw jaħbu l-aħbar tat-Tnejn, xorta dehrilhom li jġibu filmati ta' Chetcuti jitressaq il-Qorti arrestat.*

*Tgħid jerġgħu jiġbru l-firem għal inkjesta?!*

Jirrizulta illi r-raguni illi wassal lill-intimat jikteb tali editorjal kien dedatt minn zviluppi illi kienu sehhew fil-kaz fuq imsemmi, fejn l-Avukat Generali, li kien qieghed jmexxi l-prosekuzzjoni kontra Sandro Chetcuti, ghadda biex jirtira l-akkuzi originalment mahruga ta' attentat ta' qtil da parte ta' Sandro Chectuti fuq ir-rikorrent u jakkkuzah minflok b'akkuza anqas gravi ossija ta' aggressjoni b'feriti gravi.

Jirrizulta illi r-rikorrenti hassu malafamat dwar il-fatt illi l-intimat, fl-editorjal sahaq illi kien qed ikun hemm 'frame up' da parte tar-rikorrenti kontra Sandro Chetcuti u sahaq illi "*hrafa bhal din fil-gurnalizmu Malti rari taraha u l-intenzjoni cara u tonda li mhux biss biex tingurja, timmalafama u tghamilli hsara kbira fil-posizzjonjiet li nokkupa kemm f'Malta kif ukoll fl-Ewropa, imma li tuza l-kaz biex ixewwex politikament ghas-skapitu tieghu. L-editorjal*" spicca biex jghid r-rikorrent "*huwa esposizzjoni mill-aktar baxxa tal-aghar grunalizmu Malti.*"

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi, waqt il-mori tal-kawza odjerna, l-kawza li dwarha l-editorjal kien qiegħed jitkellem, ossija '*Il-Pulizja vs Sandro Chetcuti*' giet deciza mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudkatura Kriminali, fit-18 ta' Settembru 2013 u ghalhekk ikun opportun illi ssir referenza ghall-dak hemm kontenut, ghall-kompletezza tal-proceduri odjerni u sabiex il-fatti kollha, kif konkluzi mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, jigu hawn esposti u kkunsidrati.

Dwar il-fatti relatati mal-kaz bejn ir-rikorrent u Sandro Chetcuti, il-Qorti kellha dana xi tghid:

> *Illi dwar il-fattispecje ta' dana il-kaz ma jidhirx illi hemm wisq kontestazzjoni b'mod specjali ghar-rigward ta' dak li wassal ghal konfrontazzjoni bejn l-imputat (Sandro Chetcuti) u l-parti leza Vincent Farrugia fl-ufficcju tieghu gewwa l-GRTU.*
>
> *Illi fiz- zmien ta' dana l-incident l-parti leza kien jokkupa il-kariga ta' Direttur Generali tal-GRTU filwaqt illi l-imputat kien il-vici-president tas-sezzjoni tal-izviluppaturi fi hdan dan il- union.*
>
> *Illi r-retroxxena li wassal ghal sentimenti ta' antagonizmu bejn dawn it-tnejn minn nies huwa mizghud b'innuendos politici li dina l-Qorti mhijiex ser toqghod tiddilunga fuqhom u dana peress illi ma humiex rilevanti ghal dana il-kaz ghajr ghal fatt illi milli jidher dawn it-tnejn minn nies kienu qed jaghtu is-support taghhom lil zewg ambjenti politici differenti u kwindi ix-xizma ta' bejniethom iktar kibbret. Jidher illi l-imputat kien qieghed ikollu komunikazzjoni fost ohrajn ma' Dr. Joseph Muscat, illum Prim Ministru izda li fiz-zmien li inqala' dana l-incident kien il-Kap ta'l-Opposizzjoni. Farrugia kien qed jissuspetta illi l-imputat kien qieghed jizvela informazzjoni kunfidenzjali tal-union lil allura Kap ta'l-Opposizzjoni u ma hax pjacir b'dan.*
>
> *Illi fil-jum ta'l-10 ta' Marzu 2010 jidher illi l-imputat ried jibghat xi messagg permezz ta' SMS lil Dr. Joseph Muscat izda bi zball huwa baghtu lil Farrugia. Meta induna b'dak li kien ghamel l-imputat ipprova jirrimedja ghal dan l-izball ghax kien jaf illi Farrugia kien ser ikun urtat ferm b'dana il- fatt u ghalhekk talab laqgha urgenti mal-parti leza dak innhar stess fil-ghaxija, izda Farrugia qallu li ma setax jiltaqa' mieghu f'dik il-lejla u allura tah appuntament ghall- ghada 11 ta' Marzu gewwa l-ufficcju tal-GRTU. Jidher illi l-ghada fil-ghodu mad-disgha l-imputat dahal l-ufficcini tal- GRTU u talab biex ikellem lil Farrugia izda dan qallu li ma setax ikellmu dak il-hin ghax kellu laqghat ohra u qallu biex imur lura fil-hdax. Chetcuti hekk ghamel, mar jaghmel xi qadi iehor il-Belt u irritorna ghal hdax, izda Farrugia qallu li kellu xi laqgha u ghalhekk huwa kellu jerga' jistenna. Filwaqt illi kien barra l-ufficcju ta' Farrugia jistenna, kellmu certu Joe Attard, kap ezekuttiv ta' kumpanija sussidjarja tal-GRTU, Green MT, u flimkien marru jiehdu kafe' f'bar vicin il-bini tal-GRTU. Hemmhekk jidher illi l-imputat fetah qalbu ma' Attard dwar dina l- preokupazzjoni li kellu fuq dan l-SMS. Wara li spiccaw huwa irritorna fl-ufficcji tal-GRTU fejn hemmhekk talab biex ikellem lil Farrugia. Jidher illi l-imputat dahal fil-board room ikellem lil Farrugia fejn hawnhekk qamet konfrontazzjoni bejniethom fejn l-imputat ipprova jispjega dak li kien sehh, u cioe' illi l-messagg kien intabaghat lil Farrugia biss u ghalhekk ma kenitx saret hsara, izda Farrugia ma ried jisma l-ebda spjegazzjoni u hawnhekk beda ighOlli lehnu ma' l-imputat u qallu biex jitlaq 'il barra mill-ufficcju u anke*

> *beda ighidlu xi kliem ta' tghajjir. L-imputat ighid illi Farrugia beda ighajjat f'wiccu u jimbottah minn zaqqu b'subajgh. Minn hawn 'il quddiem jidher illi ma hemmx qbil dwar dak li ghamel ezattament l-imputat ghaliex filwaqt illi Farrugia isostni illi l-imputat beda jaghtih diversi daqqiet ta' ponn fuq wiccu u fuq rasu tant illi beda jilqa' id-daqqiet b'idejh, l-imputat dana jichdu u ighid illi huwa xejjer daqqa wahda f'wicc Farrugia u tghajjarlu in- nuccali minn ghajnejh. Farrugia ikompli ighid illi huwa waqa' mal-art u l-imputat kompla jaghtih bil-ponn u bis- sieq filwaqt li kien mal-art u ighajjat il-kliem "noqtlok, noqtlok". Jidher illi f'dana il-mument dahhlu diversi nies fl- ufficcju hekk kif instema' l-ghajjat fosthom Paul Abela l- President, Joe Attard, Silvia Gauci, membru tal-kunsill tal- GRTU li kienet presenti fil-bini ghal laqgha li kienet ghada kemm intemmet, kif ukoll Diane Scerri, assistent ta' Farrugia, Carmen Borg, u Marcella Agius li taw l- assistenza taghhom lil Farrugia filwaqt illi l-imputat gie ikkallmat u inhareg 'il barra.*
>
> *Illi Farrugia ittiehed l-isptar sabiex jiddewwa ghal griehi li kien sofra filwaqt illi l- imputat, li kien imbaghad imfittex mill-pulizija, mar minn jeddu gewwa l-ghassa tal-Belt fejn hemmhekk imbaghad gie arrestat. Billi f'dana l-incident l-imputat kien wegga' is- suba' iz-zghir ta' idejh, huwa ittiehed l-isptar biex jiddewwa. Wara dana huwa irrilaxxja stqarrija fejn ghalkemm ikkonsulta ruhu mal-avukat tal-fiducja tieghu, xorta wahda ghazel li ma iwiegeb ghall-ebda domanda li saritlu.*
>
> *Illi wara dan l-imputat gie imressaq il-Qorti b'arrest akkuzat bir-reat tat-tentattiv ta' omicidju fil- konfront ta' Vincent Farrugia."*

Jirrizulta illi tali fatti ma humiex kontestati, anke in vista tal-fatt illi huma fatti stabbiliti mill-Qorti fil-kawza proprja illi dwarha l-intimat kien qieghed jaghmel il-kummenti tieghu.

**Ikkunsidrat**

Fis-sentenza taghha, il-Qorti tal-Magistrati ghamlet anke referenza ghat-tibdil fl-akkuzi fil-konfront ta' Sandro Chetcuti u tosserva s-segwenti:

> *"Illi inizjalment f'dawn il-proceduri, l-imputat kien qieghed jigi akkuzat bir-reat tat-tentattiv ta'l-omicidju, madanakollu fin-nota tar-rinviju tieghu ghal-gudizzju, l-Avukat Generali jindika illi mill-provi mismugha f'dina il-kawza tista' tinstab htija fil-konfront ta'l-imputat biss ghar-reat tat-tentattiv ta' offiza gravissima kif previst fl-artikolu 214 u 218 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Barra minn dan l-imputat qed jigi addebitat ukoll bir-reat tal-offiza gravi li taqa' taht l- artikolu 216(1)(a)(iii)(b) tal-Kapitolu 9."*

Jirrizulta ghalhekk korrett l-informazzjoni illi l-intimat semma fl-editorjal tieghu meta stqarr illi l-akkuzi kontra Sandro Chetcuti kienu qed jigu ridotti minn wahda ta' attentat ta' qtil ghal wahda attentat ta' feriti gravi.

**Ikkunsidrat**

Ir-rikorrent, fix-xhieda tieghu, stqarr illi hassu malafamat bil-fatt illi Sandro Chetcuti gie indikat bhala "l-veru vittma" fil-proceduri kriminali, u dana peress illi sahaq li attwalment il-vittma kien huwa stess meta safa aggredit minn Sandro Chetcuti.

Il-Qorti, f'dana l-istadju, ser taghmel referenza ghall-kumment illi ghaddiet l-Qorti tal-Magistrati fid-decizjoni taghha fejn jidher illi dak li ntqal mill-intimat huwa rispekkjat anke fil-hsibijet taghha:

> *Il-Qorti trid tigbed ukoll l-attenzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat Generali li imexxu il- prosekuzzjoni fil-qrati kriminali illi spiss qed jigri illi l-Qorti ikollha akkuzi quddiemha li ma jirrispekkjawx il-fatti tal-kaz u l-provi li ikollha f'idejha l-istess prosekuzzjoni. Mhux l- ewwel darba, per ezempju illi tinghata l-akkuza tat- tentattiv ta'l-omicidju, bhal kif gara f'dana il-kaz, meta dina l-akkuza ma ikollha l-ebda bazi la fattwali u lanqas legali. F'dawn il-kazijiet jigri dejjem illi meta l-Avukat Generali jezamina l-atti sabiex jiddeciedi jekk hux il-kaz li tinhareg l- att ta'l-akkuza jew jekk ghandux jibghat lura l-atti lil dina l-Qorti biex tiddeciedi hi l-kawza ai termini ta'l-artikolu 370(3) tal-Kapitolu 9, jara illi l-akkuza tat-tentattiv ta'l- omicidju ma tistax tirrizulta mill-atti, bil-konsegwenza li ikun inhela hafna hin u risorsi inutilment. Dan minghajr ma wiehed isemmi illi l-persuna akkuzata, ghalkemm prezunta innocenti, xorta wahda issib ruhha li trid tikkombatti akkuzi iktar gravi u li forsi jekk tali ikunu gew inkwadrati fil-perspettiva it-tajba l-proceduri jiqsaru konsiderevolment.*

Jigi osservat illi ghalkemm il-Qorti tal-Magistrati ma indikatx lill Sandro Chectuti bhala vittma, kif sahaq l-intimat fl-artikolu tieghu, huwa car illi l-hsieb taghha, kondiviz minn dina l-Qorti wkoll, hija illi ma huwiex korrett li persuna tigi akkuzata b'offizi aktar gravi minn dawk illi attwalment sehhew, peress illi dana iwassal ghall-proceduri aktar fit-tul in vista tal-gravita' imputata u pressjoni akbar fuq l-akkuzat biex jiddefendi akkuzi ferm aktar gravi minn dawk illi attwalment sehhew.

**Ikkunsidrat**

Ir-rikorrent, fix-xhieda tieghu, sahaq ukoll illi jhossu malafamat bl-allegazzjoni illi ghamel l-intimat meta sahaq illi r-rikorrenti kien involut fi 'frame up' fil-konfront ta' Sandro Chetcuti.

Tali thassib, madanakollu, ma jsibx riskontru fil-konkluzjonijiet illi wasslet ghalihom il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Il-Qorti tal-Magistrati, fil-kawza minnha deciza, esprimiet it-thassib serju taghha dwar il-mod kif agixxa ir-rikorrent fil-kaz kontra Sandro Chetcuti u dwar il-pressjoni illi huwa kien ghamel fuq ix-xhieda tal-kaz sabiex l-akkuzi kontra Chetcuti jkunu imkabbra aktar milli kellhom ikunu. Il-Qorti, di fatti qalet is-segwenti (sottolinear tal-Qorti):

> *Illi l-Qorti tosserva minnufih qabel ma tghaddi ghal gudizzju taghha fuq dana il-kaz, illi sfortunatament sahansitra qabel ma kienu inbdew dawn il-proceduri, l-parti leza (ir-rikorrent) ipprova juza l-posizzjoni influwenti tieghu biex lill-imputat isir gudizzju mieghu qabel ma taghmel dak il-gudizzju fuqu il-Qorti u dana kif trid il-Ligi. Dana huwa rifless fir-rapport imhejji mill-espert Dr. Martin*

*Bajjada li kellu l-inkarigu li jindika dawk it-telefonati u SMS's li saru mill-imputat u mill-parti leza fil-perijodu kemm qabel dana l-incident kif ukoll ezattament wara. Minn qari ta' dana ir- rapport, li ma hu xejn hlief kompendju tal-kontenut ta' telefonati maghmula u messaggi li intbaghtu u gew ricevuti, wiehed jiehu stampa ta' dak li kien qieghed isir "minn wara dahar il-Qorti" u qabel ma l-imputat kien beda ghaddej bil-proceduri kriminali kontra tieghu fuq dana l- incident. Jidher illi l-parti leza kien qieghed jaghmel l- isforzi tieghu biex isir dak li hu imsejjah komunement a trial by the media billi jikkuntattja diversi gurnalisti u reporters u sahansitra jivvettja l-artikoli li kienu ser jigu ippubblikati u l-kummenti li kienu ser jidhru fil-press2. Mhux biss izda jidher illi l-parti leza li ried akkost ta' kollox ippattieha lill-imputat ghal dak li kien ghamel, anke ipprova juza l-influwenza tieghu fuq nies ta'awtorita li setghu "ighinuh" fil-kawza, fosthom sahanistra l- Kummissarju tal-Pulizija u anke id-Direttur tal-Habs u dana fil-perijodu illi l-imputat kien inkarcerat taht arrest preventiv. Illi minn dawn l-messaggi jidher ukoll illi l-part leza kien qieghed jipprova jimmanipula lix-xhieda sabiex jixhdu kif xtaq hu u dana sabiex jizgura illi l-imputat jikseb kundanna mill-Qorti ghal dak li kien ghamel. Illi l-Qorti tista' tasal biex tifhem l-emozzjonijiet li ighaddi minnhom bniedem li ikun vittma ta' aggressjoni, izda dana ma jaghtih l-ebda dritt illi jaghmel manuvri sabiex b'xi mod ighawweg id il-gustizzja. Illi f'dana l-isfond maghgun mill- parti leza stess, sfortunatament, il-Qorti ma tistax tasal ghal gudizzju taghha b'mod seren billi b'dak kollu li hemm fl-atti ta' dina l-kawza inholoq dubbju insormontabbli dwar dak li verament sehh bejn Farrugia u Chetcuti fl-ghodwa tal-11 ta' Marzu 2010, liema dubbju fil-kamp penali necessarjament jimmilita favur l-imputat.*

*Illi l-Qorti ghandha konvizzjoni morali dwar fatt wiehed biss f'dana l-incident u cioe' illi l-imputat xejjer daqqa ta' ponn f'wicc Vincent Farrugia.*

Il-Qorti thoss illi ma ghandhiex tiddilunga ulterjorment fuq dana il-punt, tenut kont tal-assersjonijiet maghmulha mill-Qorti illi kienet qieghda tevalwa l-kaz kollha u li hasset il-htiega li tirrileva bla-aktar mod car u skjett. Kull ma ghandu jinghad huwa illi, wara li l-Qorti tal-Magistrati ghamlet i-kummenti taghha kif hawn fuq riprodotti, fid-decizjoni finali taghha ghaddiet biex qalet is-segwenti:

*Illi finalment fid-dawl tal-provi li gew prodotti f'dawn il- proceduri, l-Qorti tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga jekk f'dana il-kaz jesistux l-estremi legali li isawwru ir-reati ikkontemplati fl-artikoli 102, 104 u 110 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dana fil-konfront tal-parti leza Vincent Farrugia jew persuni ohra li taw ix- xhieda taghhom f'dina l-kawza.*

**Ikkunsidrat**

Jigi osservat illi ma hemmx dubju illi r-rikorrent huwa persuna pubblika u politika u ghalhekk hija soggetta ghal-kritika ferm aktar oghla minn dak applikabbli ghall cittadin komuni.

Jigi osservat ukoll illi huwa ormai stabbilit illi l-gurnalist ghandu jitqies bhala '*public watchdog*', fejn xogholu huwa illi jgharraf lic-cittadin bil-fatti relatati ma' persuni pubblici illi huma ta' interess pubbliku, filwaqt illi jassikura ruhu illi l-fatti huma korretti.

Dana il-punt ilu jigi dibattut u asserit fil-Qorti Europea ghad-Drittijiet tal-Bniedem. Recentement, fid-decizjoni ***Stankiewicz and others vs Poland*** deciza fl-14 ta' Ottubru 2014, il-Qorti ribadiet tali kuncett, meta qalet is-segwenti dwar id-doveri ta' gurnal u il-gurnalisti:

> *.... Article 10 of the Convention does not guarantee wholly unrestricted freedom of expression even with respect to press coverage of matters of serious public concern and relating to politicians or public officials. Under the terms of its second paragraph, the exercise of this freedom carries with it "duties and responsibilities", which also apply to the press. These "duties and responsibilities" are liable to assume significance when there is a question of attacking the reputation of a named individual and infringing the "rights of others". By reason of the "duties and responsibilities" inherent in the exercise of the freedom of expression, the safeguard afforded by Article 10 to journalists in relation to reporting on issues of general interest is subject to the proviso that they are acting in good faith in order to provide accurate and reliable information in accordance with the ethics of journalism.*
>
> *63. In previous cases, when the Court has been called upon to decide whether to exempt newspapers from their ordinary obligation to verify factual statements that are defamatory of private individuals, it has taken into account various factors, particularly the nature and degree of the defamation and the extent to which the newspaper could have reasonably regarded its sources as reliable with regard to the allegations. These factors, in turn, require consideration of other elements such as the authority of the source, whether the newspaper had conducted a reasonable amount of research before publication, whether the newspaper presented the story in a reasonably balanced manner and whether the newspaper gave the persons defamed the opportunity to defend themselves. Hence, the nature of such an exemption from the ordinary requirement of verification of defamatory statements of fact is such that, in order to apply it in a manner consistent with the case-law of this Court, the domestic courts have to take into account the particular circumstances of the case under consideration. If the national courts apply an overly rigorous approach to the assessment of journalists' professional conduct, the latter could be unduly deterred from discharging their function of keeping the public informed. The courts must therefore take into account the likely impact of their rulings not only on the individual cases before them but also on the media in general.*
>
> *64. An additional factor of particular importance in the present case is the vital role of "public watchdog" which the press performs in a democratic society. Although it must not overstep certain bounds, in particular in respect of the reputation and rights of others, its duty is nevertheless to impart – in a manner consistent with its obligations and responsibilities-information and ideas on political issues and on other matters of general interest.*

Dana il-punt ilu illi gie rikonoxxjut mill-Qrati taghna wkoll. Infatti, fil-kawza **Dr. Louis Galea vs Dr. Joe Mifsud** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Frar, 2012 ziedet tghid li

> *"gurnalizmu investigattiv ghandu jinghata ampja protezzjoni f'socjeta' demokratika, anke jekk certi allegazzjonijiet jigu michuda minn dak milqut, il-gurnalist dejjem jibqalghu d-dritt li jinvestiga u jistharreg fuq allegazzjoni anke jekk tibqa' allegazzjoni mhux pruvata kif trid il-Ligi. F'dak li jsir gurnalizmu investigattiv serju, anke meta jirrizulta zball genwin, jista' wkoll ikun tollerat."*

Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi, a differenza ghall dak illi qieghed jippretendi r-rikorrent, il-kumment illi ghadda l-intimat fl-editorjal tieghu kien wiehed gustifikat u bbazat fuq fatti illi gew kemm stabbiliti kif ukoll ikkonfermati mill-Qorti tal-Magistrati illi kienet qed tezamina l-kaz tar-rikorrent kontra Sandro Chetcuti.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi prodotti quddiema mill-partijiet;

Wara illi qieset il-fatti kollha tal-kaz;

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tiddikjara** l-artikolu ossija editorjal intitolat '***L-isfaxxar ta' 'frame up"*** ippubblikat fil-harga ta' l-Orizzont fil 25 ta' April 2012 bhala <u>mhux</u> malfamanti fil-konfront tar-rikorrent peress illi ma huwa xejn aktar minn kumment dwar fatti sostanzjalment veri relatati ta' agir persuna pubblika, liema kummenti huma permessibbli f'socjeta demokratika bhalma hija dik Maltija, fejn id-dritt tal-liberta' ta' l-espressjoni hija vigenti u ghandha tigi protetta mill-Qrati; u ghalhekk

**Tichad** it-talbiet attrici kollha.

Spejjez tal-proceduri kollha ikunu a kariku tar-rikorrent.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------